MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Citazzjoni Numru. 101/2001/1

Giovanna Hili

Vs

Emanuel Cardona, Maria Antonia Cardona, Joseph Cardona f’ismu proprju u f’isem u bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefer Alfred Cardona skond digiret tas-6 ta’ April 2001, Carmel Fenech f’ismu proprju u f’isem u bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsefrin Mariano Fenech, u Mary mart Mariano Saliba, ahwa Fenech skond digriet tas-6 ta’ April 2001, Vincenza Zammit, Ganni Dingli f’ismu proprju u f’isem u bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefrin Josephine mart Joe Zahra, Maria mart Jimmy Vella, Agostino sive Wistin, Carmel u Anthony, Ikoll ahwa dingli, skond id-digriet tal-10 ta’ April 2001, Anthony Saliba f’ismu proprju u f’isem u bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefrin Mariano, Ganni, Maria mart Guzepp Rapa, Doris mart Sant Jaskoviez, Helen mart Charlie Atard u Jane

mart Mario Cordina, lkoll ahwa Saliba skond digriet tal-4 ta' April 2001.

**Kawza ghall-likwidazzjoni u hlas ta' servigi – preskrizzjoni applikabbli f'kawza ta' din ix-xorta.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fid-9 ta' Novembru 2001 li permezz taghha l-attrici ppremettiet li:-

Fis-6 ta' Mejju 1996 mietet intestata Maria Antonia Saliba, bint John u Maria konjugi Saliba, illi kienet imwielda u residenti Xewkija, Ghawdex.

L-imsemmija Maria Antonia Saliba wirtuha hutha u f'kaz ta' dawk mejtin wirtuha uliedhom skond il-ligi.

L-imsemmija Maria Antonia Saliba kellha bzonnijiet specjali b'konsegwenza ta' debilita' fizika permanenti.

L-attrici rrendiet servigi, kuri u assistenzi lil Maria Antonia Saliba, bint xebba ta' John u Maria konjugi Saliba illi tigi z-zija tal-kontendenti, liema servigi gew prestati mill-konvenuta lil Maria Antonia Saliba ghal bosta snin, specifikamatament minn mindu l-attrici kienet xebba sal-gurnata tal-mewt taghha u liema servigi, kuri u assistenzi kienu ta' natura konsiderevoli u ghal zmien twil.

L-attrici qatt ma giet kumpensata ghal dawn is-servigi, kuri u assistenzi.

Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati huma naqsu illi jaddivjenu ghall-likwidazzjoni ta' dan il-kumpens.

Talbet l-attrici sabiex il-Qorti:-

1. Tiddikjara illi lill-attrici Giovanna Hili hu dovut kumpens ghas-servigi, kuri u assistenzi rezi minnha lil Maria Antonia Saliba.

2. Tillikwida l-kumpens dovut.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici flimkien u solidalment bejniethom il-kumpens hekk likwidat.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fis-7 ta' Dicembru 2001 (fol. 19), il-konvenuti eccepew:-

1. Il-jeddijiet pretizi mill-attrici huma in toto jew in parti preskritti bid-dekors tat-terminu ta' hames snin kif provdu fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

2. Bla pregudizzju l-pretensjonijiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-attrici m'ghandha tigi retribwita ghal ebda servizzi kif qeghda titlob.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.

Rat li mill-atti jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza tittratta talba ghal likwidazzjoni u hlas ta' servigi li l-attrici qeghda tghid li rrendiet ghal snin twal liz-zija taghha, Maria Antonia Saliba. Mill-atti jirrizulta li Maria Antonia Saliba mietet fis-6 ta' Mejju 1996.

2. Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni l-konvenuti qeghdin jeccepixxu li t-talba ta' l-attrici hi preskritta *in toto* jew *in parte*, u dan ghat-tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attrici, fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fit-3 ta' Awwissu 2007, sostniet li *"la ngabet prova dwarha u anqas ma giet b'xi mod trattata mill-konvenuti"*. Hu maghruf li meta

tinghata eccezzjoni simili mill-konvenut, m'ghandu bzonn jaghti l-ebda prova ghajr li juri li l-provvediment li fuqu jkun qieghed jibbaza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ikun applikabbli ghall-kaz in kwistjoni u li jkun ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni. Imbaghad jispetta lill-atturi li jaghtu prova li kien hemm per ezempju sospensjoni, interruzzjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni min-naha tal-konvenut. F'dan is-sens hi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe vs Edgar Ellul** deciza fis-16 ta' Gunju 1994: *"Il-konvenut li jeccepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ma jehtieglu jipprova xejn hlief li l-preskrizzjoni eccepieta hi dik li tapplika ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv. Dan stabbilit, sta ghall-attur kreditur li jghazel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li tghatih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizorju"*.

3. F'dan ir-rigward jigi rilevat li:-

(a) Il-perjodu ta' preskrizzjoni li japplika ghal kazijiet simili hu dak ta' hames snin [Artikolu 2156(f)] (ara per ezempju **George Portelli vs Nicola Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Jannar 1959; sentenzi riportati fil-Volum IX.648; Vol. XIII.432 u Vol. XXIV.i.3 li ghalihom saru riferenza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Fenech et vs Carmel Bezzina** deciza fit-8 ta' Jannar 1960; u **Maria Theresa Cordina et vs Salvatore Abdilla** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-21 ta' Frar 1994);

(b) *"Il-kontinwata prestazzjoni ta' servigi ma toperax interruzzjoni tal-preskrizzjoni"* (Vol. XLVII.ii.653; Vol. XXXV.ii.342; Vol. XXXIII.i.285). Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Michelina Mallia et vs Carmela Cutajar et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef M. Caruana Curran) gie osservat: *"….. anke meta ikun hemm il-kontinwita' jew ir-reiterazzjoni tas-servigi din il-kontinwita' ma timpedix li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri, u kif qal il-*

*kopjant Mhallef Albert V. Camilleri….. (Koll. Vol. XXXIX.ii.515 u 732), il-kontinwita' jew reiterazzjoni tas-servigi ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu' ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri"*. F'dan il-kaz il-Qorti kkonfermat li ittra ufficjali jista' jkollha effett interruttiv biss ghall-hames snin ta' qabel. Il-Qorti kompliet tosserva li *"illi l-istess ghandu jinghad dwar is-sottomissjoni l-ohra ta' Dottor Vassallo li l-allegati promessi ta' testment isalvaw is-servigi resi fis-seba snin qabel il-1953. Mhix hekk il-ligi kif spjegata fil-gurisprudenza fuq imsemmija. Promessa ta' testment li setghet saret, nghidu ahna, fil-1956, anki kieku kienet univoka bizzejjed biex tinterrompi, kienet issalva biss is-servigi resi fil-hames snin ta' qabel, u mhux ghas-seba snin kollha, u minn l-ghada stess il-preskrizzjoni terga tibda tiddekorri u tista tigi kompletata"*.

(c) Jista' jkun hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni fejn ikun hemm xi rikonoxximent tad-dritt ta' l-attrici ghall-kumpens ghas-servigi prestati. Fil-gurisprudenza nsibu konferma li *"Legat rimuneratorju jew almenu dikjarazzjoni tal-persuna servuta li s-servigi kien jimmeritahom kumpens kienu jikkostitwixxu "rikonoxximent interruttiv tal-preskrizzjoni li tkun miexja, jew skond il-kaz, ghal rinunzja ghal preskrizzjoni gia kompjuta….." (Vol. XLIV.i.1; Vol. XXV.ii.484,408)"* (**Maria Theresa Cordina et vs Salvatore Abdilla et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-21 ta' Frar 1994)[1].

4. Mill-atti jirrizulta li l-persuna li lilha allegatament inghataw is-servigi mietet fis-6 ta' Mejju 1996[2]. Mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi interruzzjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni fil-perjodu li Maria Antonia Saliba kienet ghadha hajja. Ghalhekk mid-data tal-mewt ta' Maria

[1] F'din l-istess sentenza l-Qorti kkonfermat li hemm lok ghall-preskrizzjoni f'kazijiet ta' servigi fejn il-prestazzjonijiet ikunu kontinwi u li l-kontinwita' tas-servigi ma toperax bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni.
[2] Fatt li jidher li qeghdin jaqblu fuqu l-kontendenti, ara f'dan is-sens citazzjoni prezentata mill-attrici u affidavit li ghamel Joseph Cardona (fol. 92).

Antonia Saliba, l-attrici setghet tfittex biss ghall-ahhar hames (5) snin hajja ta’ Maria Antonia Saliba (mis-6 ta’ Mejju 1991 sas-6 ta’ Mejju 1996). L-uniku riferenza fl-atti li saret ghal xi att gudizzjarju li gie prezentat qabel il-kawza, hu dak prezentat fis-26 ta’ Marzu 2001 u li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenuti sabiex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas ta’ kumpens dovuti lilha bhala servigi. Ghalkemm l-attrici naqset milli tipprezenta kopja ta’ dan l-att, gialadarba huwa att tal-Qorti u saret riferenza ghalih fic-citazzjoni l-Qorti ghandha kull jedd li taghmel riferenza ghall-att relattiv minkejja li kopja tieghu ma tkunx giet ezebita fl-atti tal-kawza.

Skond l-Artikolu 2122 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta), il-preskrizzjoni timxi kontra l-assenti. Qeghda ssir riferenza ghal dan il-provvediment in kwantu jirrizulta li whud mill-konvenuti huma assenti tant li nhatru kuraturi deputati.

L-Artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) jipprovdi:-

*“(1) Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika ta’ l-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni.*

*(2) Izda, jekk dak li ghandu jigi nnotifikat ikun nieqes minn Malta, in-notifika titqies li saret b’avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern, fi zmien xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien hawn imsemmi, fuq talba tal-parti lit kun ipprezentat l-att, kif jinghad fil-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.*

*(3) L-avviz hawn fuq imsemmi ghandu jkun fih fil-qosor l-att li bih tinkiser il-preskrizzjoni, u ghandu jkun iffirmat mir-registratur tal-qorti li quddiemha l-att ikun gie pprezentat”*.

5. Jirrizulta li fis-26 ta’ Marzu 2001 l-attrici pprezentat ittra ufficjali kontra l-konvenuti u din giet debitament

notifikata fit-12 ta' April 2001[3] cjoe' qabel l-iskadenza ta' hames snin. Applikati l-principji fuq imsemmija u dak li jiddisponi l-Artikolu 2130 tal-Kodici Civili, ifisser li l-attrici ghandha dritt biss li tfittex ghas-servigi ghall-perjodu mis-26 ta' Marzu 1996 (data tal-prezentata tal-ittra ufficjali meta allura l-preskrizzjoni giet miksura) sas-6 ta' Mejju 1996 (data tal-mewt ta' Maria Antonia Saliba). Min-naha l-ohra kull talba ghall-hlas ta' servigi li tirreferi ghall-perjodu qabel is-26 ta' Marzu 1996 hi preskritta skond il-ligi. B'kollox ghalhekk jista' jkun dovut kumpens lill-attrici ta' l-ahhar wiehed u erbghin (41) gurnata ta' hajjitha.

6. Fil-meritu, il-principju hu li s-servigi jinghataw bit-tama ta' kumpens, sakemm ma *"jokkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuita' isa pure minhabba relazzjonijiet ta' parentela (Vol. XXIX.ii.851)"* (**Maria Carmela Abela et vs Paul Camilleri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-5 ta' Ottubru 1992). Dan b'applikazzjoni tal-principju *omne labor optat premium*. Il-Qorti kompliet tosserva li *"kull deroga ghal dan il-principju ghandha tkun biss cara u univoka imma tista' tigi accettata biss meta mill-konkors tal-kongetturi jimplika fil-konkors tac-cirkostanzi tal-kaz, ikun jirrizulta l-intenzjoni u l-volonta' ta' min jippresta s-servigi li ma jippercepix kumpens"*. Wara li l-Qorti qieset ic-cirkostanzi tal-kaz, fosthom:-

(a) Bint l-attrici (Salvina Bigeni) xehedet in kontro-ezami:- *"jiena naf li lil taghna qatt ma taghthom flus biex idur biha. Qatt. Ghax ahna kienet igibilna hniena, nghidha kif inhi, miskina u kienet bis-sold tal-Gvern, dejjem tal-Gvern, ha tmur tehdilha l-flus"* (fol. 154);
(b) Jidher li l-mejta Antonia Maria Saliba kellha mezzi finanzjarji limitati hafna;

(c) Skond ix-xhieda moghtija minn Grace Curmi, bint l-attrici, xi tlett gimghat qabel mietet Maria Antonia Saliba waqqghet u wegghet. Kompliet tghid, *"fuq ordni tat-tabib wara li hadet il-kura mehtiega ghall-waqgha, hija*

[3] Fil-konfront ta' Emanuel Cardona giet notifikata fl-14 ta' April 2001.

*ttiehdet fis-sala tax-Xjuh u mietet hmistax wara. F'dak il-jiem illi kienet ghaddiet fis-Sala tax-Xjuh, ahna konna xorta wahda bqajna niehdu hsiebha. Jiena kont immur fil-ghodu fejnha u ohti Helen kienet tmur fil-ghaxija. Konna niehdu hsieb ilil nehdulha dak li kien ikollha bzonn kif ukoll niehdu hsieb hwejjigha u naraw illi ma kienet nieqsa minn xejn" (fol. 26)*. Jidher ghalhekk li fl-ahhar granet ta' hajjitha jekk kien hemm xi hadd li ta ghajnuna lil Antonia Maria Saliba, dawn kienu n-neputijiet taghha li m'humiex atturi f'din il-kawza;

(d) Il-konvenut Emanuel Cardona xehed li Maria Antonia Saliba *"mietet fil-ward tax-Xjuh wara li kienet thalliet hemmhekk ghal xi zmien"* (fol. 89). Il-konvenuta Rose Cardona xehedet, *"F'certu punt Antonia ttiehdet l-Isptar ghax ma kenitx tiflah. Meta qalbet ghall-ahjar, itttiehdet mill-ward li kienet tinsab fih ghall-ward tax-Xjuh….."* (fol. 90). Jirrizulta ghalhekk li Maria Antonia Saliba qattghet l-ahhar granet ta' hajjitha fl-Isptar.

(e) In-nuqqas ta' provi dwar x'servigi l-attrici setghet irrendiet lil Antonia Maria Saliba fl-ahhar xahar u nofs ta' hajjitha;

(f) Ix-xhieda kontrastanti li tressqu mill-kontendenti.

(g) L-eta' ta' l-attrici fl-1996;

ma tqisx li hu l-kaz li t-talbiet ta' l-attrici jistghu jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi;-

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni limitatament fis-sens li tiddikjara li fir-rigward tal-perjodu qabel is-26 ta' Marzu 1996 it-talbiet ta' l-attrici huma milquta mill-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

2. Fir-rigward tal-perjodu mis-26 ta’ Marzu 1996 sas-6 ta’ Mejju 1996 (data tal-mewt ta’ Maria Antonia Saliba), tilqa’ t-tieni eccezzjoni u tichad it-talbiet ta’ l-attrici.

Spejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------